MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2011

Referenza Kostituzzjonali Numru. 29/2010

**Il-Pulizija (Assistent Kummissarju Lawrence Cauchi)**

**-vs-**

**Carmel *sive* Charles Ellul Sullivan, Patrick Pellegrini, Sebastian Dalli**

**Il-Qorti;**

Rat ir-riferenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fl-14 ta' April 2010, biex din il-Qorti tiddeċiedi jekk l-ilment tal-imputati li ġew miksura d-drittjiet fundamentali tagħhom *ai termini* tal-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali ppreżentata fis-27 ta' April 2010, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti għandha tastjeni milli tisma' dan il-każ *ai termini* tal-*proviso* tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, *stante* li għat-talba tar-rikorrenti kien hemm rimedju effettiv għat-talbiet tagħhom, liema rimedju r-rikorrenti ġa użawh, iżda li kellu eżitu negattiv għalihom. Dawn iż-żewġ artikoli ma jitolbux li r-rimedju effettiv ikollu eżitu pożittiv għar-rikorrenti, iżda jesiġu li jkun rimedju li jeżisti u jkun wieħed effettiv. Jingħad ukoll li r-rikorrenti għad għandhom rimedju ieħor għad-dispożizzjoni tagħhom u ċjoe' appell fit-tmienm tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tastjeni milli tisma' dan il-każ

2. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, din l-azzjoni hija waħda intempestiva minħabba l-istess raġuni spjegata fl-ewwel paragrafu.

3. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu l-punt li dwaru qed issir ir-referenza u ċjoe' jekk il-Maġistrat sedenti fil-proċeduri sedenti fil-proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti għandux jerġa' jisma' l-provi kollha ġa mressqa mill-ġdid, hu punt li diġa kien deċiż mill-ogħla Qorti kompetenti, b'eżitu negattiv għall-istess rikorrenti, din ir-referenza m'għandhiex tintuża bħala appell ieħor minn din id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija fis-17 ta' Marzu 2010. L-esponenti jissottomettu li l-unika raġuni għaliex ir-rikorrenti bdew dini l-proċedura kostituzzjonali hi biex ir-rikorrenti jittentaw jaslu fejn ma waslu bl-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. L-esponenti jissottomettu wkoll li jekk jirriżulta dan l-għemil abbużiv, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjara din ir-referenza bħala waħda abbużiva u tieqaf tismagħha.

4. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu din il-proċedura kostituzzjonali qed tintuża biex jitwalu l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti inutilment, l-esponenti jissottomettu li dan hu aġir abbużiv u l-Qorti għandha tiddikjarah bħala tali u tieqaf tisma' din il-proċedura.

5. Illi fil-mertu m'hemm l-ebda ksur tad-dritt ta' smiegħ xieraq fil-konfront tar-rikorrenti la taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni u dan għar-raġunijiet segwenti.

6. Illi l-esponenti jissottomettu li l-ġurisprudenza Maltija u tal-Qorti Ewropea tgħallimna li biex ikun eżaminat hemmx ksur tad-drittijiet ta' smigħ xieraq fi proċeduri ġudiżżjarji dawk il-proċeduri jridu jkunu eżaminati fl-assjem tagħhom u mhux spezzettati f'mumenti u partijiet. Hekk id-dritt ta' smigħ xieraq jassigura smiegħ xieraq u ġust meta wieħed jiżen dak kollu li ġara fil-kawża u mhux fir-rigward ta' deċiżjoni jew mument partikolari minnha. F'dan l-istadju dan l-eżami tal-assjem tal-proċeduri kriminali għadu ma jistax isir peress li l-proċeduri kriminali odjerni għadhom ma ntemmux.

7. Illi f'kull każ l-esponenti jissottomettu li d-dritt ta' smigħ xieraq ma jinkludix xi dritt li l-każ jinstema' kollu mill-istess ġudikant. Fis-sentenza **"Pitkanen vs Finland"** il-Qorti Ewropea ma sabitx ksur tal-Artikolu 6 meta s-seduti kollha li fihom instemgħu x-xhieda kienu preseduti minn ġudikant differenti, pero' s-seduti kollha kienu rrekordjati fuq *video* u transkritti. L-esponenti jissottomettu li anke fil-proċeduri kriminali odjerni, hemm traskrizzjoni tax-xhieda kollha. Barra minnhekk, minnhom infushom, dawk il-provi li jinstemgħu bil-proċedura tar-rogatorji ma jinstemgħux mill-istess ġudikant li jkun qed jippresjedi l-proċeduri. Dan ma jfissirx li b'daqshekk hemm ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq, ladarba jkun hemm l-opportunita' tar-rikorrenti għal kontro-eżami tagħhom.

Salv eċċezzjonijiet oħra jekk ikun il-każ.

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet rikorrenti bl-ispejjeż kontrihom.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali sija tal-Qorti tal-Magistrati u sija dawk tal-kawża odjerna;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Jannar 2011 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġja' ingħad din hija riferenza mill-Qorti tal-Maġistrati fis-sede kriminali tagħha wara li dik il-Qorti ċaħdet talba tal-imputati biex il-provi ġja' mressqa quddiem Maġistrat ieħor jerġgħu jinstemgħu minħabba bidla fil-ġudikant presedenti, *stante* l-elevazzjoni għall-Ġudikatura ta' dak il-Maġistrat. Għandu jingħad li minn dakinhar li l-kawża ġiet riferuta quddiem din il-Qorti anke l-Maġistrat li ta d-diġriet ġie bl-istess mod elevat.

Illi qabel ma tidħol fil-mertu tal-każ, il-Qorti trid l-ewwel tiddeċiedi dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-intimati; dawn huma fis-sens illi r-rikorrenti ma eżawriex ir-rimedji disponibbli lilu skond il-liġijiet ordinarji u għalhekk ukoll il-proċedura odjerna hija intempestiva. Dan għaliex skond il-kostituzzjoni il-Qorti għandha, dejjem skond l-intimati, teserċita d-diskrezzjoni tagħha skond il-*proviso* tal-Artikolu 46 (2).

Illi dan il-*proviso* indikat mill-intimati jgħid eżattament hekk:

*Iżda l-Qorti tista' jekk tqis li jkun deżiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dan is-sub-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu*

*disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.* {46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta}.

Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet **"Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine"** (7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra;

*Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali;*

*a. Meta hu ċar li hemm meżżi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawliex raġunijiet serji gravi ta' illeġalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċiżżju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti ikkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.*

*c. Kull każ għandu l-fattispecje partikolari tiegħu;*

*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddiehor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ.*

*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi*

*eżerċitata, l-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni.*

Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet **"Philip Spiteri vs Sammy Meilaq"** (8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li *meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f'xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni.* F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma *komplessa* jiżdied il-kliem *"jew inkella imħallta"*.

Illi issa fil-każ in eżami jirriżulta illi fil-fatt l-imputati kienu ġja' appellaw quddiem il-Qorti Kriminali mid-diġriet imsemmi u l-Qorti tal-Appelli Kriminali, permezz ta' sentenza mogħtija fil-10 ta' Marzu 2010, iddeċidiet illi l-appell interpost minnhom kien irritu u null għaliex skond l-artiklu 415 (1) tal-Kodiċi Kriminali, *'dan id-digriet huwa inappellabbli f'dan l-istadju tal-proċeduri.'* (sottolinear tal-Qorti).

Illi dan allura jfisser li l-istess digriet għad jista' jiġi appellat meta tiġi deċiża l-kawża skond l-istess artikolu 415. Ifisser ukoll li d-digriet għadu soġġett għall-reviżjoni possibbli mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, kif fil-fatt ġara f'sentenzi ċitati mill-istess imputati fin-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom. Għalhekk ir-rimedji li jistgħu jkollhom l-imputati għadhom ma ġewx eżawriti u l-Qorti tħoss li f'każ bħal dan, fejn si tratta ta' żewġ kompetenzi separati tal-Qrati, ossija dawk ċivili u kriminali, hija għandha tħalli l-ewwel l-iter kollu kriminali jieħu l-kors komplet tiegħu.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-intimati u teżerċita' d-diskrezzjoni tagħha taħt l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u tieqaf milli tisma' l-kawża, u tordna li l-kawża tiġi rimessa lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.**

**Spejjeż ikunu għall-imputati.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------